# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 20/2019 BS**

**Emanuel Saliba u martu Frances Saliba; Maria Grazia sive Grace Spiteri kemm f'isimha proprio kif ukoll a nom ta' bintha Annunzjata sive Nancy Xuereb u dan hekk kif debitament awtorizzata permezz ta' prokura; Raymond Buttigieg u martu Mary Buttigieg; Tarcisio Grima li jidher għan-nom ta' Annunziata Grima armla ta' Angelo Grima u dan hekk kif debitament awtorizzat permezz ta' prokura; Joseph Spiteri; Anton Spiteri; u għal kull interess li jista' jkollhom Stephan Farrugia u martu Josephine Farrugia**

**-vs-**

**Carmelo Xerri**
**u**
**Reġistratur tal-Artijiet**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. *"Illi l-atturi huma sidien tal-porzjon indiviza ta' art li fuqha hemm xi kmamar u bir imsejha 'Ta' Marziena', fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex bil-kejl ta' cirka hames mija u tnejn u sebghin punt decimali tlieta metri kwadri (572.03m.k) konfinanti mit-tramuntana u l-punent ma' beni tal-familja Xerri u lvant ma' beni tal-familja Parnis, jew irjieh verjuri, kif ahjar murija fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok A****;*

2. *Illi din il-porzjon art imsejha 'Ta' Marziena' li tinsab fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex kienet tifforma parti mill-wirt u successjoni ta' Anthony Saliba iben Gio Maria Saliba u Grazzja nee' Calleja u għaddiet għand l-atturi mill-wirt tal-genituri u/jew zijiet tagħhom u ilha fil-pussess tagħhom u ta' l-antenati tagħhom ghexieren ta' snin u dan hekk kif ser jigi pruvat waqt il-kawża;*

3. *Illi l-porzjon art giet inkluza fid-dikjarazzjoni causa mortis ta' Anthony Saliba u kienet wkoll giet intavolata applikazzjoni ghall-ewwel registrazzjoni minn uhud mill-atturi wara li l-proprieta' kienet għaddiet ghandhom;*

4. *Illi l-atturi ddecidew li jbieghu din il-porzjon indiviza ta' art bil-kmamar u bir fuqha u kien għalhekk li fil-5 ta' Novembru 2010 sar konvenju li permezz tiegħu huma weghdu li jbieghu u jitrasferixxu din l-porzjon art lil Stephan u Josephine konjuġi Farrugia. L-istess konjuġi Farrugia gew awtorizzati verbalment mill-atturi li jistghu jaccedu fuq il-proprieta' u jnaddfu l-istess proprieta';*

5. *Illi rrizulta li minn wara li sar dan il-konvenju, l-konvenut flimkien ma' ħutu ghamlu d- divizjoni tal-proprieta' tal-genituri tagħhom permezz ta' kuntratt tad-disgha (9) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Anna Maria Mizzi u bi skopijiet frawdolenti u jew b'ghemil doluz il-proprieta' indikata fil-paragrafu numru 1, giet inkluza bħala wahda mill-proprieta' formanti parti mill-massa ereditarja tal-genituri tagħhom, b'tali mod li fuq il-kuntratt ta' divizjoni din il-proprieta' giet assenjata lil konvenut Carmelo Xerri:*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 4 b'dokument ossia pjanta u *site plan* a fol 5, sentenza numru 28/2012 JVC tat-3 ta' mejju, 2016 a fol 6 sa 19, kawzjoni rigward titolu ta' proprjeta' a fol 20 b'dokumenti mehmuza maghha a fol 21 sa 42.

6. *Illi ftit tax-xhur wara, l-konvenut Carmelo Xerri istitwixxa kawza ta' spoll fil-konfront ta' l-atturi Emmanuel u Frances konjugi Saliba bic-citazzjoni numru: 28/2012JVC fl- ismijiet Carmelo Xerri -vs- Emmanuel u Frances konjugi Saliba liema kawza giet rigettata fuq nuqqas ta' provi u fuq nuqqas tal-elementi tal-kawza ta' spoll, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut Carmelo Xerri u dan hekk kif jidher mis-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok B;***

7. *Illi filfrattemp il-konvenut intavola kawzjoni fir-Registru tal-Artijiet nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2013 fir-rigward tat-titolu tal-proprieta' bin-numru: 56000824 b'mod frawdolenti u jew b'ghemil doluz u dawn hekk kif ser jigi pruvat waqt il-kors tal-kawza, kopja tal-kawzjoni hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok C****;*

8. *Illi kuntrarjament ghal dak indikat fil-kuntratt ta' divizjoni, l-porzjon art hija proprjeta' tal-atturi u di piu' hija fl-intier taghha fil-pussess tal-atturi u kull pretensjoni tal-konvenut Carmelo Xerri fir-rigward taghha hija fiergħa u bla bazi legali;*

9. *Illi konsegwenza ta' dan il-atturi ma jistgħux jesegwixxu l-biegh tal-proprieta' taghhom u ghalhekk dan kollu qiegħed jikkawza danni fuq l-atturi;*

10. *Illi l-atturi qed jipprocedu b'din il-kawza sabiex jiksbu dikjarazzjoni fis-sens li l-porzjon indiviza ta' art li fuqha hemm xi kmamar u bir imsejha 'Ta' Marziena', fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex bil-kejl ta' cirka hames mija u tnejn u sebghin punt decimali tlieta metri kwadri (572.03m.k) konfinanti mit-tramuntana u l-punent ma' beni tal-familja Xerri u lvant ma' beni tal-familja Parnis, jew irjieh verjuri, tappartenenti lilhom u għalhekk konsegwentament tiddikjara li l-kawzjoni ntavolata mill-konvenut Carmelo Xerri saret bi skopijiet frawdolenti u jew b'ghemil doluz;"*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *"Tiddikjara li l-porzjon indiviza ta' art li fuqha hemm xi kmamar imsejha 'Ta' Marziena', fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex bil-kejl ta' cirka hames mija u tnejn u sebghin punt decimali tlieta metri kwadri (572.03m.k) konfinanti mit-tramuntana u l-punent ma' beni tal-familja Xerri u Ivant ma' beni tal-familja Parnis, jew irjieh verjuri, tappartjeni*

*fl-intier lill-atturi u li konsegwentement hija proprjeta' esklussiva taghhom;*

2. *Tiddikjara li l-kawzjoni magħmula mill-konvenut Carmelo Xerri fir-rigward tat-titolu fuq proprieta' numru: 56000824 saret bi skopijiet frawdolenti u jew b'ghemil doluz u ghalhekk hija wahda irrita, nulla u minghajr effett;*

3. *Tordna lil konvenut ir-Registratur tal-Artijiet sabiex jikkancella l-istess kawzjoni fir-rigward tat-titolu fuq proprieta' numru: 56000824 magħmula mil-konvenut Carmelo Xerri.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u sbatax (2017) u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mharka."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Carmelo Xerri[2] illi eċċepixxa:**

1. *"Illi preliminarjament l-atturi jridu jiddefinixxu x'tip ta' azzjoni qed jezercitaw. L-azzjoni tidher wahda ibrida bejn l-azzjoni rei vendicatoria u xi tip ta' azzjoni ohra mahluqa ad hoc minn l-atturi biex tattakka registrazzjoni ta' art. Dan jista jwassal ghal konfuzjoni legali li jirrendi l-azzjoni nulla.*

2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost:*

*i.) jekk l-azzjoni hija wahda intiza biss biex tattakka r-registrazzjoni tal-kawzjoni din l-kawza ma tistax tirnexxi ghaliex il-kawzjoni giet intavolata validament.*

*ii.) jekk l-azzjoni min naha l-ohra hija dik rei vendicatoria, din l-anqas tista tirnexxi ghaliex it-talbiet ma humiex popertitnetni ghal l-azzjoni ta' rivendika.*

3. *Illi kien dritt tal-konvenut li jipprezenta l-kawzjoni imsemmija, f'dan ir-rigward agixxa biss fil-mansjoni tad-drittijiet tieghu.*

4. *Illi l-konvenut qieghed fil-pusess legittimu ta' l-art in kwistjoni.*

[2] Risposta guramnetata a fol 60 u 61.

5. *Illi l-atturi jridu jgibu prova skond kif rikjest mil-ligi li l-propjeta de quo hija taghhom. Huwa biss wara dik il-prova li l-konvenut hu rikjest li jressaq provi biex jirribatti. Kwindi ma tantx jaghmel sens illi flok li l-atturi prezentaw l-atti li a bazi taghhom qed jippretendu li l-art hija taghhom mar-rikors guramentat, annettew biss atti li jikkonsistu f'sentenza ta' spoll, l-kawzjoni u divizjoni li fiha ha sehem l-konvenut.*

6. *Illi fir-rigward ta' l-atturi Stephen u Josephine konjugi Farrugia dawn ma ghandhom l-ebda' interess guridiku li jippromwovu din il-kawza u għalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu rigettati fuq din il-bazi u dawn l-atturi ghandhom fi kwalunkwe kaz ibagħtu l-ispejjes taghhom.*

7. *Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt (specjalment wara li tigi ccarata n-natura tal-kawza esperita)."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur tal-Artijiet[3] illi eċċepixxa:**

1. *"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeċċepixxi n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponent;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mill-proceduri jidher illi l-esponent gie imharrek limitatament ghall-osservanza u integrita' tal-gudizzju. L-esponent, filwaqt illi jirrileva illi huwa m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri, f'dan l-istadju jirrimetti ruhu ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

**Fliet l-atti.**

[3] Risposta guramentata a fol 63 u 64.

**Rat** ir-rikors tal-atturi tat-23 ta' Settembru, 2020 li bih, wara li għamlu referenza għad-deċiżjoni numru 8/2019 MH mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-20 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet ***Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et*** dwar l-Artikolu 460 tal-Kap.12, Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ġie bl-istess deċiżjoni msemmija ddikjarat bħala leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, talbu lill din il-Qorti tagħmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).[4]

**Rat** id-digriet tat-2 ta' Ottubru, 2020[5] dwar ir-rikors tal-atturi tat-23 ta' Settembru, 2020 kif ukoll; in-nota tal-konvenut Reġistratur tal-Artijiet tal-5 ta' Ottubru, 2020,[6] ir-risposta tal-atturi tas-6 ta' Ottubru, 2020,[7] in-nota tal-konvenut Carmelo Xerri tat-13 ta' Ottubru, 2020[8] u dik tal-osservazzjonijiet ukoll tiegħu – konvenut Carmelo Xerri – tat-23 ta' Ottubru, 2020,[9] li lkoll segwew id-digriet tat-2 ta' Ottubru, 2020.

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2021 ir-Reġistratur tal-Artijiet irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta.[10]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' April, 2021 l-atturi talbu l-allegazzjoni tal-atti tar-rikors numru 28/2012 JVC fl-ismijiet ***Carmelo Xerri vs Emanuel Saliba et*** – deċiż fit-3 ta' Mejju, 2016.[11]

**Rat** l-atti tar-rikors numru 28/2012 JVC fl-ismijiet ***Carmelo Xerri vs Emanuel Saliba et*** li ġew debitament allegati.

**Rat** li fl-udjenza ta' l-1 ta' Marzu, 2022 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa.[12]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2022, wara talba tal-avukat tal-konvenut sabiex l-attur Stephen Farrugia jispjega kif jaf li l-muftieħ tal-

[4] Rikors a fol 72 u 73.
[5] Digriet a fol 75.
[6] Nota a fol 76.
[7] Risposta a fol 77 u 78.
[8] Nota a fol 80.
[9] Nota tal-osservazzjonijiet a fol 81 u 82.
[10] Verbal a fol 86. L-irtirar tal-eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur tal-Artijiet sehh abbażi ta' ġurisprudenza fir-rigward ossia, id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet ***Maria Scicluna et vs Raymond Azzopardi et*** – rik. gur. nru. 13/2014/3.
[11] Verbal a fol 90. L-atti ġew debitament allegati.
[12] Verbal a fol 180.

bieba ta' kamra fuq l-art in mertu jinsab għand l-atturi l-oħrajn, l-attriċi Frances Saliba ħarġet muftieħ fl-awla.[13]

**Rat** li b'nota tiegħu tat-3 ta' Novembru, 2022 il-konvenut Carmelo Xerri ddikjara l-provi tiegħu magħluqa.[14]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2023, oltre li l-partijiet iddikjaraw li ġew eżawriti l-kontro-eżamijiet kollha, l-atturi talbu li jinżamm aċċess.[15]

**Rat** il-verbal u traskrizzjoni tal-aċċess.[16]

**Rat** li waqt l-aċċess miżmum fis-7 ta' Marzu, 2024 il-kawża ġiet iddifferita għal-lum għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet.[17]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[18]

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**L-Avv. Dr. Miriam Rapa**, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Artijiet, xehdet[19] billi eżebit kopji tal-applikazzjonijiet kollha, inkluż il-kawzjoni, li saru rigward iċ-ċertifikat ta' titolu 56000824 relattiv għall-art "Ta' Marziena" tal-kejl ta' 572.03m.k., sitwata f'Ta' Sannat, Għawdex.[20]

---

[13] Verbal a fol 196.
[14] Nota a fol 294.
[15] Verbal a fol 345 u 346.
[16] Verbal a fol 361. Traskrizzjoni a fol 352 sa 360.
[17] Verbal a fol 361. Digriet a fol 363.
[18] Nota tal-atturi ppreżentata fis-17 ta' Mejju, 2024 u dik tal-konvenut ippreżentata fit-3 ta' Lulju, 2024.
[19] Traskrizzjoni a fol 100 u 101.
[20] Applikazzjoni nru. LRA(G)292/2005 għall-ewwel reġistrazzjoni ta' kwint – 1/5 – indiviz mill-art "Ta' Marziena" ta' 572.03m.k. magħmulha fit-28 ta' Frar, 2005 min Emanuel Spiteri u martu l-attrici Maria Grazia sive Grace Spiteri għal ¼ indiviz, mill-attur Emanuel Saliba u martu l-attriċi Frances Saliba għal ¼ indiviz ieħor, mill-attur Raymond Buttigieg u martu l-attriċi Mary Buttigieg għal ¼ indiviz ieħor, u mill-attriċi Annunziata Grima għal ¼ indiviz ieħor - a fol 102 sa 107. Applikazzjoni għat-trasmissjoni parzjali tat-titolu LRA(G)292/2005 magħmulha fil-15 ta' Novembru, 2007 mill-atturi Joseph Spiteri, Mary Buttigieg, Anton Spiteri, u Annunziata sive Nancy Xuereb dwar il-kwota ta' parti minn erbgħin – 1/40 – indiviza mill-art "Ta' Marziena" tal-kejl ta' 572.03m.k. – a fol 108 sa 117. Applikazzjoni magħmulha mill-atturi Raymond Buttigieg u martu l-attriċi Maria Buttigieg fid-29 ta' April, 2010 dwar kwinta parti – 1/5 – indiviza mill-art "Ta' Marziena" ta' 572.03m.k. – a fol 117b sa 128. Avviz tal-20 ta' Marzu, 2013 mibgħut mir-Reġistratur tal-Artijiet lill-konvenut Carmelo

**Stephen Farrugia**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[21]

Jiddikjara li wara li ffirmaw konvenju huwa mall-ewwel ħa l-pussess tar-raba' in mertu. Iżid li fil-fatt kien qala' il-bieba l-antika tal-istess raba' u bidilha. Jgħid li l-bieba l-antika għadha fil-pussess tiegħu mentri l-muftieħ tagħha qiegħed għand l-atturi Emanuel u Frances konjuġi Saliba.

Jesebixxi sensiela ta' ritratti tal-bieba l-antika kemm meta kien għadha fil-post u kemm issa f'idejh.[22]

Jesebixxi sensiela ta' ritratti mill-ajru meħuda fis-snin 1998, 2004, 2008, 2012, u 2016 li jgħid li ġab mis-sit tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Jgħid li dawn juru r-raba' tal-konvenut Xerri immarkat bl-isfar u dak in mertu – tal-atturi – immarkat bl-oranġjo. Iżid li r-ritratti juru wkoll li r-raba' tal-konvenut Xerri kien maħdum mentri dak tal-atturi ma' kienx. Iżid li dan juri għalhekk li r-raba' in mertu ma' kienx fil-pussess tal-konvenut jew l-aventi kawża tiegħu.[23]

Jiddikjara li l-aċċess għar-raba' in mertu huwa minn fuq ir-raba' tal-konvenut. Iżid li meta daħal fir-raba' in mertu l-ewwel darba kien innota li r-raba' tal-konvenut kien maħdum mentri dak in mertu ma' kienx iżda kien mitluq u mimli bajtar u ħaxix każin. Iżid li minħabba l-bajtar wieħed anqas setgħa jaċċedi faċilment. Jgħid li l-bajtar u l-ħaxix ħażin ħasdu hu.

Jesebixxi ritratti li juru l-istat tar-raba' in mertu meta ra l-ewwel darba hu.[24]

Jiddikjara li bl-istess mod il-kamra li tinsab fir-raba' in mertu kienet mitluqa u fi stat ħażin mentri l-kmamar fir-raba' tal-konvenut kienu fi stat tajjeb.

---

Xerri jinfurmah li l-kawzjoni magħmulha minnu fuq il-proprjeta' nru. 56000824 ġiet notifikata lill Raymond Buttigieg – wieħed mill-atturi – a fol 129. Kawzjoni numru 107/13 magħmulha mill-konvenut Carmelo Xerri nhar it-18 ta' Marzu, 2013 fuq l-art "Ta' Marziena" ta' 572.03m.k, nru. tal-proprjeta' 56000824 – a fol 130 sa 152. Certifikat ta' titolu dwar il-proprjeta' nru. 56000824, art "Ta' Marziena" ta' 572.03 dwar zewg porzjonijiet indivizi ta' kwint – 1/5 – kull wieħed maħruġ f'isem l-atturi kollha a fol 153 sa 159 inkluż in verso pagina.

[21] Affidavit a fol 162.

[22] Ritratti a fol 163, 164, 165, 166 juru l-bieba għand l-attur mentri dak a fol 167 juri l-bieba għadha f'postha.

[23] Ritratti mill-ajru a fol 168 – tal-1998, 169 – tal-2004, 170 – tal-2008, 171 – tal-2012, u 172 – tal-2016.

[24] Ritratti a fol 173 u 174.

Jesebixxi ritratti li juru l-istat tal-kamra fuq ir-raba' in mertu.[25] Jgħid li t-travu u *jack* li jidhru f'ritratt minnhom iservu ta' sapport u kien għamilhom hu peress li t-travi oriġinali huma mikulin u perikolużi.[26]

Jgħid li xi tlett xhur wara li daħal fir-raba' in mertu hu xi ħadd kien qalalu u seraq il-bieba l-ġdida li kien għamel. Jgħid li kien għamel bieba oħra li wkoll inqalet u ttieħdet. Jgħid li l-bieba inqalet u ttieħdet għat-tielet darba meta inqala u ttieħed ukoll rixtellu tal-ħadid li kien għamel. Jgħid li ma' jafx min kien qed jaqla u jieħu l-bibien.

Jiddikjara li xi żmien wara dan, xi ħadd dahar gor-raba' in mertu u ħawwel xi ħxejjex.

**In kontro-eżami**,[27] xehed li l-konvenju tiegħu sar fl-2010. Jesebixxi kopja tal-konvenju u l-estensjonijiet li saru għall-istess għajr għall-aħħar estensjoni li jobbliga ruħu li jesebixxi aktar 'il quddiem.[28]

Mistoqsi kif huwa daħal fil-pussess tar-raba' jgħid li fil-konvenju, il-vendituri prospettivi kitbu li huwa jista' jidħol u jirranġa. Iżid li b'hekk tawh il-pussess sabiex jidħol.

Iżid li huwa daħal fir-raba' u l-ewwel li għamel kien li qata' il-bajtar sabiex setgħa jaċċedi għal-kmamar u jnaddafhom mill-imbarazz. Jgħid li l-bieba li kien hemm kienet tinfetaħ faċilment għax kienet ingħatat in-nar u kienet t'għalaq biss b'qafla. Iżid li tali bieba għadha għandu.

Jgħid li huwa ħa pussess tar-raba' li kien akkwista skont il-pjanta mehmuża mal-konvenju.

Dwar ir-raba' proprju, ossia l-ħamrija, u kif ħa pussess minnu, jgħid li għamel dan billi naddfu, ħarrtu, u ma' jiftakarx zergħax jew le iżda seta jiżra meta ried.

---

[25] Ritratti a fol 175, 176, 177, 178, u 179.
[26] Ref.: ritratt a fol 179.
[27] Traskrizzjoni a fol 184a sa 184s.
[28] Konvenju tal-5 ta' Novembru, 2010 validu għal-tlett xhur – allura sal-5 ta' Frar, 2011 u ffirmat mill-atturi kollha bl-atturi konjuġi Stephen u Josephine Farrugia jidhru bħala kompraturi prospettivi mentri l-atturi l-oħra jidhru bħala vendituri prospettivi *"bil-patt ji jirrizulta titolu validu fil-ligi mir-ricerki"* a fol 190 u 191, pjanti a fol 193, 194, u 195, notifika tal-istess konvenju a fol 185, estensjoni tat-3 ta' Frar, 2011 sal-5 ta' Mejju, 2011 a fol 192, estensjonijiet ulterjuri a fol 186, 187, 188, u 189.

Mistoqsi jekk jafx ħaddieħor zeragħhiex jgħid li wara xi żmien kien sab li dak li kien zergħa hu kien inqala u floku nzergħa mod ieħor. Jgħid li ma' jafx min minn sar hekk.

Mistoqsi jekk illum għadux jidħol fir-raba' in mertu jgħid li wara l-ittra tal-avukat tal-konvenut ma' reggħax daħal. Iżid li huwa ma' jistax jifhem kif ġie mitlub ma' jersaqx l'hemm.

Jgħid li l-ewwel ma' kellmu kien il-konvenut li staqsiħ għandux dritt jaċċedi minn go tiegħu – minn go tal-konvenut. Iżid li huwa rrisponda li huwa qed jaċċedi r-raba' li skont il-konvenju. Jgħid li xi xahar wara rċieva l-ittra tal-avukat tal-konvenut li semma' qabel. Iżid li l-ittra kienet tgħid li r-raba' ma' kienx ta' minn biegħlu u għalhekk m'għandux jidħol fih. Jgħid li huwa obda l-ittra.

Mistoqsi meta rċieva l-ittra tal-avukat tal-konvenut jgħid li kważi mill-ewwel wara li ffirma l-konvenju.

Jaqbel li s'issa huwa għadu fuq konvenju u għalhekk, effettivament għadu ma' xtarax.

Mistoqsi kemm il-estensjoni tal-konvenju saret stante li l-aħħar waħda li esebixxa tirrisali ghall-2017, jgħid li saru kemm il waħda bl-aħħar waħda saret xi tlett xhur ilu, qabel għalaq il-konvenju.

Jaqbel li llum il-kamra ma' fihiex bieba għax it-tlett bibien li għamel hu inqalghu u ttieħdu. Jgħid li anke rixtellu għamel ukoll inqala' u ttieħed. Iżid li r-ritratti esebiti mall-affidavit tiegħu ħaduhom uliedu.

Jgħid li r-ritratti mill-ajru li esebixxa mall-affidavit tiegħu ukoll ħadu ħsieb tagħhom uliedu.

Mistoqsi kif fuq l-istess ritratti mill-ajru mmarka kemm ir-raba' in mertu, li hu tal-atturi, kif ukoll dak tal-konvenut, u kif jaf minn għandu fejn, jgħid li hu ilu jidħol hemm ma' missieru. Jgħid li missieru kien jinnegozja mal-konvenut u familtu. Jgħid li żmien wara daħal hemm u ra l-kmamar mitluqin u staqsa ta' minn huma. Jgħid li ma' jiftakarx lill minn staqsa iżda kienu bdiewa fl-inħawi.

Mistoqsi saritx riċerka għand nutar jgħid li ma jafx. Jgħid li jaħseb li qed iġeddu l-konvenju sa' ma' jsibu r-riċerka. Jgħid li n-nutar kien Pisani.

Mistoqsi kif ikkonkluda li l-kmamar l-oħra li jinsabu fi stat tajjeb huma tal-aħwa Xerri, u jekk jafx li fil-fatt huma ta' waħda biss minnhom, Ġużeppa Xerri, jgħid li hu min jużahom jaf iżda mhux mnejn ġabuhom u jekk hux tagħhom kollha jew ta' waħda minnhom.

Mistoqsi qattx ra lill xi ħadd f'tali kmamar jgħid li ra lill-aħwa Xerri. Jgħid ma' jafx l-ismijiet ta' min mill-aħwa Xerri. Iżid li wieħed minnhom huwa fl-awla – jiġi kkonfermat li dan huwa Karmenu. Jgħid li dak li laqgħu u staqsih għandux dritt jgħaddi minn fuq tagħhom kien hu Karmenu akbar minnu li jaħseb li jismu Kikku.

Jgħid li lill Kikku raħ l-aħħar fil-kmamar tal-aħwa Xerri meta hu daħal f'dawk tal-atturi. Iżid li f'ta' l-atturi ma' damx jidħol għax mill-ewwel irċieva l-ittra tal-avukat tal-konvenut jgħidlu ma' jidħolx.

Jinsisti li l-aħwa Xerri żgur kienu jużaw il-kmamar tagħhom tant li raħhom hemm, ħabtilhom, u ħarġu jkellmuh.

Mistoqsi jekk lill Kelinu Xerri talbux jixtri r-raba' in mertu mingħandu jgħid li le. Jgħid li Kelinu kien ried jixtrihom hu xi 46 sena qabel iżda ma' xtarax. Iżid li tant u hekk li malli xtara hu – l-attur Stephen Farrugia li qed jixhed – Kelinu mar fuqu sabiex ibiegħlu.

**In re-eżami**,[29] xehed li lill-uliedu kien hu li qabbadhom jieħdu r-ritratti li esebixxa mall-affidavit tiegħu.

Jgħid li l-bieba li għadha għandu fil-garaxx tiegħu oriġinarjament kienet tinfetaħ b'muftieħ. Jgħid li meta akkwista hu kienet marbuta b'qafla għax f'xi żmien kienet ingħatat in-nar. Iżid li l-muftieħ għadu għand l-atturi.

**Carmelo Xerri**, il-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[30]

Jiddikjara li huwa propjetarju tal-art in mertu bil-kmamar fuqha. Jgħid li l-art ġiet għandu b'wirt wara diviżjoni li saret fl-2011.

[29] Traskrizzjoni a fol 184s sa 184u.
[30] Affidavit a fol 199 u 200.

Jesebixxi kuntratt ta' diviżjoni.[31]

Jgħid li l-art in mertu u porzjonijiet ta' art oħra fl-inħawi dejjem kienu f'idejhom l-aħwa qabel qasmu. Iżid li kienu jaħdmuhom hu u ħuh Kikku, illum mejjet.

Jgħid li kienu jaħdmu l-maġġor parti tal-art iżda kien hemm xi biċċiet li ma kienux jinħadmu partikularment fl-aħħar snin meta kibru fl-eta'. Iżid li hu għandu 80 sena mentri ħuh Kikku miet ta' 86.

Jgħid li l-binja fuq l-art in mertu hi maqsuma fi tnejn: bicca messet lilu wara d-diviżjoni u oħra kienet wirtitha oħtu Ġużeppa Xerri. Jgħid li filwaqt li hu u ħuh kienu jaħdmu r-raba' oħtu kienet tieħu ħsieb il-kmamar. Jgħid li l-kmamar li messew lilu bid-diviżjoni ma' kienx iżommhom sew bħal ta' oħtu.

Jiddikjara li fil-kmamar kienu jaħżnu oġġetti relatati mar-raba' filwaqt li ħuh kien anke jaħdem xi logħob tan-nar fihom.

Jgħid li ġol-bitha tal-kmamar hemm bir li kienu jużaw għat-tisqija.

Jgħid li l-atturi li huma dixxendenti taz-ziju ta' ommu Antonio Saliba qatt ma' ragħhom fl-inħawi tar-raba'. Iżid li dan minkejja li sa ftit żmien ilu huma kienu jkunu fl-inħawi ta' kuljum. Jgħid li darba raw lill Stephen Farrugia dieħel hemm u ħuh Kelinu kien mar għand avukat li bgħatlu ittra b'dan ma' reġax deher l-hemm.

Jiddikjara li xi ħadd kien bidel il-bieba tal-kmamar u huma reġgħu neħħewha. Iżid li jaħseb li neħħiha ħuh Kikku.

Jgħid li kienu bdew jidħlulhom fir-raba' u jagħmlulhom il-vendikazzjonijiet u spiċċaw anke b'kawża ta' spoll. Iżid li l-Qorti kienet qalet li ma' kienx hemm prova li l-ħsara saret mill-atturi.

Jiddikjara li r-raba' in mertu għadu f'idejhom sal-lum.

[31] Kuntratt tad-9 ta' Diċembru, 2011 in atti Nutar Anna Maria Mizzi a fol 201 sa 219 – inkluż in verso pagina, b'dokumenti a fol 220 sa 223. Precendentement diġà' esebit a fol 22 sa 41 kif ukoll a fol 132 sa 151.

Jgħid li meta qasmu kien ħuh Kelinu li ħa ħsieb kull ma kien hemm bżonn.

**In kontro-eżami**,[32] muri r-ritratt ta' bieba antika a fol 164 jagħraf l-istess bħala l-bieba tal-kmamar li semma fl-affidavit tiegħu. Mistoqsi f'idejn min qiegħed il-muftieħ tagħha jgħid li kien f'idejn nannuh Carmelo Saliba. Jgħid li wara li miet nannuh il-muftieħ spiċċa f'idejhom.

Jgħid li l-muftieħ kien jitħalla mdendel go kamra minnhom sabiex isibuh hu u ħuh Kikku meta jmorru jaħdmu r-raba'.

Mistoqsi kif jispjega li l-muftieħ issa jinsab f'idejn Saliba jgħid li ma' jafx kif spiċċa f'idejhom.

Jgħid li l-kmamar mertu tal-kawża bnihom nannuh. Iżid li wara nbnew il-kmamar li issa jinsabu f'idejn oħtu.

Jgħid li qabel kienu jaħdmu r-raba' kollu, inkluż dak li l-atturi jgħidu li kien abbandunat. Iżid li lejn l-aħħar ma' baqgħux jaħdmu kollox għax ma' baqgħux jifilħu. Jgħid li ħuh Kikku miet ta' 85 u huwa m'għadux jiflaħ.

Mistoqsi jekk bdewx jaħdmu r-raba' in mertu biss meta raw lill Stephen Farrugia fih jgħid li qabel kien jinħadem.

Jiċħad li familtu offrew xi flus lill Stephen Farrugia sabiex jixtru r-raba' in mertu mingħandu.

Mistoqsi dwar dak li qal fl-affidavit fejn qal li r-raba' in mertu nxtara bejn Giovanni Saliba u ħuh, in-nannu tax-xhud, Carmelo Saliba u dwar kif ma' tirriżulta ebda qasma bejn id-dixxendenti ta' dawn l-aħwa jgħid li r-raba' tnissel skont il-kuntratt ta' nannuh.

Jgħid li il-kontrada "Ta' Marziena" hija kbira ħafna u mhijiex kollha tagħhom. Iżid li bħala kejl tal-kontrada kollha ma' jafx x'hemm.

**Michael *sive* Kelinu Xerri**, xehed permezz ta' affidavit.[33]

[32] Traskrizzjoni a fol 303 sa 311.
[33] Affidavit a fol 224 sa 226.

Jiddikjara li huwa jiġi hu l-konvenut Carmel Xerri.[34] Iżid li ddeċieda jirrilaxxa affidavit tiegħu peress li kien hu li ħa ħsieb id-diviżjoni bejnu, martu, u ħutu.

Jgħid li l-art in mertu bil-bini fuqha ġiet minn naħa tal-familja tiegħu senjatament ta' ommu Katerina Xerri nee' Saliba li mietet fl-1997.

Jgħid li hu, martu, u ħutu qasmu fid-9 ta' Diċembru, 2011 bl-art in mertu messet lil ħuh konvenut Carmelo. Jgħid li qabel dan, l-istess art in mertu bil-kmamar fuqha dejjem kienet f'idejhom l-aħwa l-aktar f'idejn l-istess konvenut Carmelo u ħuhom ieħor Francis sive Kikku Xerri, illum mejjet.

Jgħid li l-kmamar fuq l-art in mertu kienu jingħalaq b'bieba li maż-żmien nħarqet. Iżid li l-istess kmamar ma' kellhom ebda użu partikolari għajr għall-ħażna ta' oġġetti relatati mar-raba' u għal-fatt li ħuh Kikku ġieli ħadem xi logħob tan-nar fihom. Iżid li l-istess anqas kienu f'kundizzjoni tajba.

Jgħid li r-raba' in mertu ġie min-nannuh matern li kien jismu Carmelo Saliba. Iżid li dan kien xtara diversi apprezzamneti ta' raba', minnhom waħdu u minnhom flimkien ma' tnejn min ħutu Francesco u Giovanni.

Jiddikjara li l-predeċessur tal-atturi, ossia nannuhom Antonio Saliba, kien ieħor mill-aħwa ta' nannuh Carmelo Saliba. Jgħid li dan qatt ma' kien involut ma' ħutu fir-raba' "Ta' Marziena".

Jiddikjara li dak li jgħid dwar nannuh u n-nannu tal-atturi jafu mir-riċerka li għamel. Jesebixxi r-riċerka ta' nannuh Carmelo Saliba.[35]

Jgħid li tali riċerka turi biċ-ċar li fit-30 ta' Ġunju, 1904 nannuh Carmelo kien akkwista art magħrufa "Ta' Marziena" fil-limiti tal-Munxar/Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' cirka sigħan u nofs.[36] Iżid li fl-10 ta' Mejju, 1911 l-istess nannuh xtara flimkien ma' ħuh Giovanni Saliba aktar art fl-istess inħawi, din id-darba tal-kejl ta' sitt tomniet.[37]

[34] Jgħid "attur" li huwa kjarament żball – ref.: para. 1 tal-ewwel paġna tal-affidavit li tinsab a fol 224.
[35] Riċerka a fol 227 sa 257.
[36] Ref.: estratt GI62/1904 a fol 237: *di trenta Giugno 1904 – Vendita' fatta da Giuseppe Azzopardi, agricoltore del fu Antonio ed _____ sua moglie ____ figlia del fu Giorgio Calleja nato e residente nell Sannat a Carmelo Saliba _____ nato e residente nei limiti del Sannat _____ appellata Ta' Marziena, limiti di Sannat* […].
[37] Ref.: estratt GI270/1911 a fol 238: *il di dieci Maggio 1911 – Vendita' da Francesco Magro ____ nato e residente nella Xeuchia, del fu Agostino, a Giovanni e Carmelo Fratelli Saliba* […] *di porzione di terra Ta' Marziena ____ nei limiti del Sannat* […].

Jiddikjara li fit-2 ta' Ottubru, 1911[38] nannuh Carmelo kien biegħ ħames sighan indivizi lill ħuh ieħor Francesco Saliba[39] mentri fis-16 ta' Awwissu, 1914 l-istess nannuh Carmelo flimkien ma' ħuh Giovanni akkwistaw aktar raba' "Ta' Marziena" tal-kejl ta' cirka tomnejn.[40]

Ikompli li b'kuntratt tat-8 ta' Settembru, 1944 nannuh Carmelo akkwista xi ishma li kellhom ħutu minn raba' msejjaħ "Ta' Menzina". Iżid li ma' jafx jekk dan huwiex l-istess raba' "Ta' Marziena".[41] Ikompli li, aktar tard, fl-1951 nannuh Carmelo partat ma ħuh Giovanni Saliba sabiex akkwista aktar mil-medda "Ta' Marziena".[42]

Jgħid li safejn jafu huma, ir-raba' "Ta' Marziena" tnissel min naħa ta' nannuh Carmelo u fih, hu nannuh Antonio Saliba qatt ma' kellu x'jaqsam.

Jgħid li dan ilkoll jirriżulta mir-riċerka li esebixxa.

Jiddikjara li l-kmamar kollha li hemm fuq din l-art kienu nbnew min-nannuh Carmelo Saliba. Iżid li nannuh għamel snin twal jgħix f'tali kmamar u huwa, meta kien għadu tifel, kien jeħodlu l-ikel hemm.

Jgħid li huwa kien għamel ukoll ir-riċerki fuq ommu Katerina Xerri. Jesebixxi kopja tagħhom.[43]

Jiddikjara li fl-1960 b'kuntratt in atti Nutar John Busuttil saret diviżjoni li biha ommu qasmet ma' ħutha. Jgħid li ommu u ħutha kien messhom ir-

[38] Fil-fatt id-data korretta hija id-9 ta' Ottubru, 1911 ref.: estratt min GI596/1911 a fol 239.

[39] Ref.: estratt GI596/1911 a fol 239: *adi nove Ottobre 1911 – Vendita' da Carmelo Saliba, tagliapietre, a Francesco Saliba, tagliapietre, Fratelli figli di Gio Maria, nati e residenti nel Munxar, distretto del Sannat, di mondelli cinque indivisi dalla porzione di terra Ta' Marziena nei limiti del Sannat* […].

[40] Ref.: estratt GI414/1914 a fol 240: *Il sedici Agosto 1914 - Vendita' da Francesco Magro* […] *a Giovanni e Carmelo fratelli Saliba* […] *al detto Giovanni Saliba del terreno appellate Ta' Marziena sito nel Sannat in contrada tat-Tigrija di due tumoli* […] *al detto Carmelo Saliba del terreno appellate Ta' Marziena posto in contrada tat-Tigrija del Sannat di due tumoli e mezzo* […].

[41] Ref.: estratt GI378/1944 a fol 250.

[42] Ref.: estratt GI206/1951 a fol 254 u 255: *the thirteenth (13) day of April one thousand nine hundred and fiftyone 1951. Transfer by exchange between Carmelo and Giovanni Saliba, brothers, both farmers children of the late Gio Maria and of the late Giorgia ___ both from and residing in the limits of Sannat, Gozo, by means of which said Carmelo Saliba has assigned to Giovanni Saliba a olt of ground called Ta' Marziena ____ of about ____ mondelli* […] *in exchange for Giovanna Saliba has assigned to Carmelo Saliba lands called 'il-Ghalka l-Kbira' situate on the way to Ras il-Bajada limits of Sannat* […] *and partition between Carmelo and Giovanni Saliba aforesaid of the plot of ground called Ta' Marziena situate on the way to Marziena of Sannat ___ by means of which Giovanni Saliba has assigned to Carmelo Saliba a portion of said lands* […] *Carmelo Saliba ahs assigned to Giovanni Saliba a portion of said lands Ta' Marziena* […].

[43] Ricerka a fol 258 sa 271.

raba' "Ta' Marziena" u parti mil-bini fuq l-istess.[44] Jesebixxi kopja sħiħa tal-kuntratt.[45]

Jgħid li wara dan, fl-1963 ommu reġgħet qasmet ma' ħutha fejn reġgħa messa parti min "Ta' Marziena", senjatament dik illum in mertu.[46]

Jiddikjara li aktar tard, ir-raba' reġgħa nqasam bejniethom bil-kuntratt ta' diviżjoni tal-2011.

Jiddikjara li huwa ma' jafx kif l-atturi jgħidu li hemm tagħhom. Iżid li mhux biżżejjed li ġabu d-denunzja għax f'dawn kulħadd jikteb li jrid.

Jgħid li fl-2010 tfaċċa fir-raba' in mertu Stephen Farrugia. Iżid li dan kien qal li huwa xtara l-art u l-kmamar mingħand Emanuel Saliba, attur odjern. Jgħid li huma waqfulu u bagħtulu wkoll ittra bl-avukat. Jgħid li safejn jaf hu, min dakinhar Farrugia qatt ma' reġgħa deher l'hemm.

Jgħid li Farrugia kien mar kellmu sabiex ibegħlu l-art. Iżid li hu kien irrifjuta li jbiegħlu.

**In kontro-ezami**,[47] muri ritratt ta' bieba li kienet inħarqet jagħref l-istess bħala dik li semma fl-affidavit tiegħu.

Mistoqsi kif jispjega li l-muftieħ tal-istess bieba jinsab f'idejn l-attriċi Francis Saliba u mhux f'idejhom jgħid li huma għandhom muftieħ tagħhom.

---

[44] Ref.: estratt 647/1960 minn att tal-15 ta' Ottubru, 1960 in atti Nutar John Busuttil, a fol 258 sa 260: *Qasma li permezz taghha lil Caterina mart Giuseppe Xerri u hut*[ha] *ahwa Saliba giet assenjata it-Tieni Porzjoni li tikkomprendi dawn il-beni u cioe':-* […] *c) parti diviza mill-bicca raba' msejha "Ta' Marziena" limiti ta' Sannat, Ghawdex, u li ghandha razzett go fiha* […] *soggetta din il-parti diviza ghad-dritt ta' l-ilma mill-bir li jinsab go fiha a favur ta' beni ta' Angela Saliba, u soggetta u tgawdi d-dritt tal-passagg minn fuq beni ta' Angela Saliba, dina l-parti sejra jmissa wkoll parti mir-razzett fuq imsemmi u li tikkonsisti dina l-parti diviza f'kamra bil-kamrin anness tal-pjan terran, bil-parti tal-bitha retroposta ghalihom u bl-arja tal-bejt taghhom* […].

[45] Kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 1960 in atti Nutar John Busuttil a fol 272 sa 292: *Il-komparenti Avukat Calleja nomine qieghed jassenja lill-kondividenti l-ohra* – omm ix-xhud u l-konvenut Carmelo Xerri u hutha Dun Salvatore Saliba u Suor Nicolina fis-sekolu Felicita' Saliba – *it-Tieni Porzjon li fih jikkomprendi […] (3) parti diviza mill-bicca raba' msejha "Ta' Marziena", deskritta ahjar izjed 'il fuq taht l-ittra "c", konsistenti f'zewg bicciet, wahda tal-kejl ta' cirka sighajn u tmien kejliet* […] *u l-ohra tal-kejl ta' cirka tomna tlett kejliet u sitt decimi (6/10) ta' kejla* […] *dina l-parti diviza sejra tikkomprendi go fiha l-bokka tal-bir u ser tkun soggetta ghad-dritt tal-ilma ghaf-favur tal-ewwel prozjon* – Angela Saliba – *u tkun soggetta u sejra tgawdi d-dritt ta' passagg mill-ewwel porzjon. Dina l-parti diviza sejra imissha wkoll parti mill-fuq imsemmi razzett li jinsab fil-bicca raba' msejha "Ta' Marziena" deskritta ahjar izjed 'il fuq taht l-ittra "c" u li tikkonsisti dina l-parti diviza f'kamra bil-kamrin anness tal-pjan terran bil-parti tal-bitha retroposta ghalihom u bl-arja tal-bjut taghhom*.

[46] Ref.: estratt 701/1963 minn att tal-15 ta' Novembru, 1963 in atti Nutar John Busuttil, a fol 260: *divizjoni li permezz taghha lil Caterina mart Giuseppe Xerri messitha r-raba' porzjon li fost beni ohra tikkomprendi dawn il-fondi u cioe':- 1) parti diviza mill-bicca raba' msejha "Ta' Marziena" fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka sighajn disgha kejliet u sitta minn ghaxar parti ta' kejla* […] *godenti d-dritt tal-passagg bir-rigel minn fuq raba' estern u d-dritt li tiehu l-ilma mill-bir ezistenti fil-beni ta' Maria Farrugia*.

[47] Traskrizzjoni a fol 332 sa 343.

Mistoqsi jekk allura hemmx żewġ mfietaħ jgħid li hu ma' jafx x'għandhom l-atturi.

Jgħid li hu għex f'dawk il-kmamar mill-eta' ta' 7 snin sal-eta' ta' dsatax-il sena.

Mistoqsi jekk allura l-muftieħ hux qiegħed f'idu jgħid li qiegħed imdendel f'kamra fuq il-post. Mistoqsi jekk imorru fil-post jarawħx il-muftieħ jgħid li iva.

Jaqbel li l-kamra fuq l-art in mertu tmiss ma' kmamar oħra li huma proprjeta' tal-familja tiegħu. Jaqbel li mal-kmamar l-oħra hemm xi 10 ti tmiem raba'.

Mistoqsi għalfejn hemm ħajt bejn ir-raba' jekk huwa jgħid li hemm kollu tagħhom jgħid li m'hemmx ħitan. Iżid li hemm bibien u dan stante li hemm kien bejn Giovanni u Carmelo aħwa Saliba.

Mistoqsi kif fl-inħawi kienu jaħdmu kull medda art għajr għal dawk in mertu jinsisti li dawk in mertu kienu jinħadmu wkoll.

Mistoqsi kif il-kawża ta' spoll qalet li huma qatt ma' kellhom pussess tar-raba' in mertu, jgħid li huma hemm kienu jaħdmuh u daħlu qalawlhom il-ful u l-patata.

Spjegat lilu li hemm ritratti li juru r-raba' in mertu mifniha bil-bajtar tax-xewk li mbagħad neħħa Stephen Farrugia jgħid li Stephen qala' żewġt izkuk bl-oħrajn kienu nqalgħu minnu, missieru, u ħuh Ganni llum mejjet. Iżid li jekk fadal bajtar dak għax jieħdu minnu.

Jgħid li r-raba' bil-kmamar in mertu ma' kienux jintużaw ħafna għax kienu għal-qasma.

Jiċħad li hu bagħat għal Stephen Farrugia sabiex jixtri mingħandu. Jgħid li kien Stephen li bagħat sabiex jixtri mingħandhom. Jgħid li hu ma' Farrugia dejjem kien ċar li hemm ma' kienx għal bejgħ.

Jaqbel li r-raba' in mertu tnissel lilhom mingħand ommu. Jaqbel li ommu mietet fl-1997. Mistoqsi kif tali raba' ma' ġiex inkluż fid-denunzja tal-assi ta' ommu, li saret fl-1997 stess, iżda nkludewh biss f'denunzja ulterjuri

tal-2011, meta sar il-kuntratt ta' diviżjoni bejnu u ħutu jgħid li ma' jafx x'gara hemm. Iżid li m'huwiex avukat.

Mistoqsi x'inhi r-raġuni li d-diviżjoni saret proprju xahar wara li Farrugia ffirma l-konvenju jgħid li d-diviżjoni bdew jaħdmu fuqha fl-2010. Iżid li kien waqt li kienu jaħdmu fuq id-diviżjoni li Farrugia daħal fir-raba' in mertu u ħuh waqqfu.

Jgħid li wara li raw lill Stephen Farrugia ħiereġ bil-bieba huwa mar ikellmu fil-ħanut tal-laħam tiegħu quddiem martu – mart Farrugia – fejn staqsih kif qed jgħid li xtara stante li hemm tagħhom. Iżid li lill Farrugia staqsih ukoll kif, jekk jippretendu li hemm ta' min biegħlu – cioe' tal-atturi l-oħrajn – l-istess atturi ma' nkludewx tali raba' fid-denunzji relattivi tal-awturi tagħhom. Jgħid li Farrugia qallu li hu ma' jafx u xtara skont id-denunzja ta' Stella.

**In re-ezami**,[48] xehed li huma denunzji fuq l-assi ta' ommu għamlu tnejn, l-ewwel waħda u oħra sabiex żiedu xi assi li kienu tħallew barra.

**Il-Qorti rat ukoll** il-verbal u traskrizzjoni tal-aċċess.[49]

Fl-aċċess, **l-avukat patrocinanti l-atturi** spjega lill-Qorti li ma' jagħmilx sens li hemm raba' ma jinħadimx imiss ma' raba' jinħadem jekk l-istess huwa, kif jgħid l-konvenut, ilkoll raba' tiegħu. Jiġbed ukoll l-attenzjoni tal-Qorti għal xi ħitan jaqsmu l-meded tal-art. Iżid li anqas ma' jagħmel sens li raba' jmiss ma' ieħor appartenenti lill-istess sid jiġi maqsum b'ħajt b'dan li jiġi ostakolat l-aċċess bl-inġenji.

Jgħid għalhekk li l-ħitan huma ndikazzjoni li l-għalqa mħażża bl-oranġjo fuq ir-ritratti mill-ajru esebiti mal-affidavit ta' Stephen Farrugia a fol 168 *et seq* mhijiex tal-konvenut iżda tal-atturi.

Jgħid li dan huwa aktar u aktar ippruvat bil-fatt li l-konvenut u ħutu kienu selettivi fir-raba' li jaħdmu. Iżid li kieku r-raba' kien jinsab 'il bod minn xulxin, wieħed jifhem li porzjon tinħadem u oħra le. Jgħid iżda li l-fatt li l-porzjonijiet tar-raba' huma lkoll attigwi iżda mhux ilkoll inħadmu jipprova t-teżi tiegħu li dik il-porzjon immarkata bl-oranġjo mhijiex tal-

[48] Traskrizzjoni a fol 343 u 344.
[49] Verbal a fol 361. Traskrizzjoni a fol 352 sa 360.

konvenut. Iżid illi li kieku ebda porzjon raba' ma' nħadem wieħed jifhem li s-sid ikun telaq ir-raba' għal riħu iżda l-fatt li partijiet attigwi minnhom inħaddmu u minnhom le juru mod ieħor.

**L-avukat difensur tal-konvenut** jirrispondi billi jispjega li wieħed ma' jistax jagħmel l-inferenza li qed jagħmel il-kollega difensur tal-atturi.

Iżid li biżżejjed wieħed jara t-terren tal-porzjonijiet relattivi sabiex jasal għal raġuni għaliex medda nħadmet u oħra le.

Rigward il-ħitan jgħid li fl-istess hemm diversi fetħiet min art għal oħra bl-artijiet huma aċċessibbli min xulxin mingħajr xkiel.

**Il-Qorti** tosserva li l-mertu tal-kawża hija medda art bil-bajtar tax-xewk u xi kmamar fuqha. **Id-difensur ta' l-atturi** jinsisti li tali prorpjeta' hija tal-atturi.

**Id-difensur tal-atturi** jkompli jispjega li biswiet il-kamra li l-atturi jqiesu bħala tagħhom hemm bini tal-konvenut. Iżid illi li kieku tali kmamar kienu tal-istess sid dawn kien ikollhom tip ta' aċċess mil-waħda għall-oħra.

Ikompli jgħid li l-bieba l-oriġinali ttieħdet lura fuq il-post filgħodu qabel l-aċċess. **Il-Qorti** tara l-istess bieba fuq il-post. **Il-Qorti** tosserva wkoll li ġew prodotti żewġ imfietaħ mhux identiċi li lkoll ħaddmu s-serratura tal-bieba.

**L-avukat difensur tal-konvenut** jispjega li l-Qorti aċċediet għal-art in mertu minn art li m'hemmx kontestazzjoni li hija tal-konvenut. Iżid li l-istess art li mhijiex kontestata hija maħduma mentri dik in mertu mhijiex stante li għandha ħafna blat fil-wiċċ. Iżid li għalhekk, fl-istess il-konvenut u familtu kienu jrabbu xi tiġieġ u annimali oħra. Jgħid ukoll li mhux minnu dak li qal id-difensur tal-atturi li l-bini li jmiss ma' dak in kontestazzjoni huwa tal-konvenut. Iżid li fil-fatt tali bini huwa ta' oħt il-konvenut li m'għandha xejn x'taqsam mal-kawża u wasal għandha minn wirt ieħor.

**L-avukat difensur tal-atturi** jaqbel li l-proprjeta' kollha tnisslet mill-istess awtur. Iżid li mhux minnu li l-art in mertu ma' setgħetx tinħadem għax blat tant li Stephen Farrugia ħadimha.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-atturi, wara li ppremettew, *inter alia*: [i] li huma sidien ta' porzjon art indiviża ta' art bi kmamar fuqha u bir fiha, imsejħa "Ta' Marziena", fil-limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, bil-kejl ta' cirka 572.03m.k. – l-art in mertu – liema art jgħidu li kienet tifforma parti mill-wirt ta' Anthony Saliba, iben Gio. Maria Saliba u Grazzja nee' Calleja, u għaddiet għandhom ilkoll - salv dawk konjuġi Stephen u Josephine Farrugia - mill-istess wirt; [ii] li wħud minnhom irreġistraw l-istess art mar-Reġistru tal-Artijiet; [iii] li huma lkoll, salv l-atturi Stephen u Josephine Farrugia, dehru bħala vendituri tal-istess art fuq konvenju tal-5 ta' Novembru, 2010 bil-bejgħ propost favur l-atturi l-oħrajn Stephen u Josephine Farrugia; [iv] li wara li daħlu fl-imsemmi konvenju l-konvenut flimkien ma' ħutu deheru fuq att ta' diviżjoni datat dt-9 ta' Diċembru, 2011 in atti nutar Anna Maria Mizzi li fih inkludew l-art "Ta' Marzien" in mertu bħala waħda tagħhom u bl-istess ġiet assenjata lill-konvenut Xerri; talbu [a] dikjarazzjoni li l-porzjon art in mertu tappartjeni unikament lilhom fl-intier tagħha; [b] dikjarazzjoni li l-kawżjoni magħmulha mill-konvenut Carmelo Xerri fil-konfront tat-titolu numru 56000824 fuq l-istess art saret bi skopijiet frawdolenti u/jew b'għemil doluż u għalhekk hija rrita u nulla, u; [c] ordni sabiex il-konvenut Reġistratur tal-Artijiet jikkanċella l-istess kawżjoni fil-konfront tat-titolu numru 56000824.

Il-konvenut Carmelo Xerri laqa' għal dawn it-talbiet atturi billi preliminarjament talab lill-atturi jiddefinixxu x'tip ta' azzjoni qed jeżerċitaw b'dan li jekk l-azzjoni hija waħda sabiex tattakka l-kawżjoni tiegħu, l-istess ma' tistax tirnexxi stante li l-kawżjoni ġiet intavolata validament u fl-ambitu tad-drittijiet tiegħu. Eċċepixxa ulterjorment li l-atturi għandhom iġibu prova kif imiss skont il-liġi li l-art in mertu hija tagħhom. Dwar l-atturi Stephen u Josephine konjuġi Farrugia eċċepixxa li l-istess m'għandhom ebda nteress ġuridiku f'li jippromwovu l-kawża *de quo* u għalhekk it-talbiet tagħhom għandhom jiġu respinti a spejjez tagħhom.

Ir-Reġistraturi tal-Artijiet eċċepixxa preliminarjament in-nullita' tar-rikors ġuramentat stante n-nuqqas tad-debita interpellazzjoni tiegħu kif meħtieġ *ad validitatem* ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-kap. 12, Ligijiet ta' Malta. Eċċepixxa ulterjorment li mill-atti jirriżulta li huwa ġie biss imħarrek għal-osservanza ta' l-integrita' tal-ġudizzju b'dan li m'għandu jbagħti ebda spejjez relatati ma' dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet ġiet minnu rtirata nhar is-6 ta' Jannar, 2021[50] wara li saret referenza ampja għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-6 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet ***Maria Scicluna et vs Raymond Azzopardi*** mil-liema deċiżjoni wieħed jislet li meta si tratta min kawża fejn ir-Reġistraturi tal-Artijiet ikun parti minħabba reġistrazzjoni li tkun saret, m'hemmx bżonn li l-istess Reġistratur ikun notifikat b'ittra uffiċjali qabel il-kawża.

Gjaladarba mbagħad ir-rimanenti eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet hija merament osservanza tiegħu li huwa tħarrek biss għall-osservanza u l-integrita' tal-ġudizzju b'dan li l-istess Reġistratur irrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti; jibqa' għalhekk biss sabiex din il-Qorti tqis it-talbiet atturi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor, Carmelo Xerri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

In succinct, it-talbiet atturi jridu, qabel xejn, dikjarazzjoni li huma – l-atturi lkoll għajr dawk konjuġi Farrugia – huma s-sidien esklussivi tal-art in mertu sabiex imbagħad il-Qorti tkun tista' tgħaddi, dejjem skont it-talbiet atturi, sabiex tordna t-tħassir ta' kawżjoni li saret mill-konvenut Carmelo Xerri kontra titolu rreġistrat minnhom fuq l-istess art mar-Reġistratur tal-Artijiet.

[50] Verbal a fol 86. L-irtirar tal-eccezzjoni preliminari tar-Registratur tal-Artijiet sehh abbazi ta' gurisprudenza fir-rigward ossia, id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet ***Maria Scicluna et vs Raymond Azzopardi et*** – rik. gur. nru. 13/2014/3.

Dan stante li fuq twemmin tagħhom li l-art in mertu hija proprjeta' assoluta tagħhom, l-atturi għajr dawk konjuġi Farrugia għaddew sabiex irreġistraw titolu fuq l-istess mar-Reġistratur tal-Artijiet bil-konsegwenza li l-konvenut Xerri, li da parti tiegħu jemmen li fil-fatt l-art in mertu hija tiegħu, ippreżenta kawżjoni kontra l-istess titolu rreġistrat minnhom.[51]

Lil hemm min kwalunkwe' argument ieħor li jressaq kontra t-talbiet atturi, il-konvenut Xerri ġustament jeċċepixxi, *inter alia*, li sabiex ikunu jistgħu jintlaqgħu tali talbiet konsekuttivi ta' l-atturi, l-ewwel jeħtieġ li l-atturi jippruvaw kif rikjest mil-liġi li l-art in mertu hija fil-fatt proprjeta' tagħhom.

Mingħajr xejn ma' jitnaqqas mill-validita' akkademika tal-eċċezzjonijiet ulterjuri li jagħmel il-konvenut Xerri, skont din il-Qorti, tali prova ta' titolu ta' proprjetarji assoluti allegat mill-atturi huwa l-pern kollu ta' l-istanza odjerna.

Dan stante li mingħajr ma' l-ewwel isseħħ tali prova, u mingħajr xejn ma' jingħad dwar il-proċeduri tal-intavolar ta' kawżjoni quddiem ir-Reġistraturi tal-Artijiet – kif anke eċċepit mill-konvenut Xerri stess – din il-Qorti ċertament ma' tkunx tista' tgħaddi sabiex tikkunsidra r-rimanenti talbiet ta' l-atturi sabiex tingħata ordni ta' tħassir tal-kawżjoni ntavolata mar-Reġistratur tal-Artijiet mill-konvenut Xerri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħdud dan, din il-Qorti tosserva li l-atturi kienu kemmxejn xotti jekk mhux addirittura reticcjenti f'li jressqu provi sodi u konvinċenti dwar it-titolu ta' proprjetarji tal-art in mertu pretiż minnhom.

Infatti, mill-assjem tal-atti jirriżulta ampjament li l-atturi straħu interament fuq [i] deċiżjoni ta' spoll mogħtija min din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-3 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet ***Carmelo Xerri vs Emanuel u Frances konjuġi Saliba***, allura bejn tnejn mill-atturi u l-konvenut Xerri odjerni iżda fi rwolijiet inversi, li jgħidu li dment li ntilfet mill-konvenut Xerri – dakinhar attur – dan jista' jiġi nterpretat bħala li l-

[51] Kawzjoni numru 107/13 kontra t-titolu numru 56000824 ezebita in atti *inter alia* a fol 20 *et seq*.

proprjeta' hija fil-fatt tagħhom; [ii] osservazzjonijiet li jagħmlu dwar realtijiet tal-art in mertu u l-istrutturi ta' fuqha, inkluż fl-aċċess li nżamm min din il-Qorti, u; [iii] sensiela ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjonijiet ta' varji ishma f'art msejjħa "Ta' Marziena" li saru minnhom f'diversi żminijiet mar-Reġistratur tal-Artijiet u li, fl-istess applikazzjonijiet infishom, bħala bażi tat-titolu allegat minnhom atturi għal-prosegwiment tar-reġistrazzjoni jnisslu biss mwiet, suċċessjonijiet, u dikjarazzjonijiet ta' trasferimenti *causa mortis* – denunzji.[52]

L-atturi naqsu għal kollox milli jressqu atti nutarili jew għalmenu riċerki b'estratti mill-istess li juru kif waslu sabiex elenkaw il-proprjetajiet li elenkaw fid-denunzji li utilizzaw bħala bażi għar-reġistrazzjoni tal-art in mertu. Huwa paċifiku li denunzja hija dikjarazzjoni unilaterali li m'hijiex minnha nfisha prova ta' titolu. Dan tant li jistgħu jsiru varji korrezzjonijiet għal denunzja f'każ fejn aktar 'il quddiem jirriżulta żball.

Dan, kuntrarjament għal-konvenut Xerri li għalkemm f'din l-istanza – u tenut kont tan-natura tagħha – ma' kellu ebda obbligu li jressaq prova tat-titolu tiegħu, prosegwa sabiex, partikolarment tramite x-xhieda ta' ħuh Michael Xerri mressqa permezz ta' affidavit, ipprovda rendikont dettaljat, inkluż b'referenza għal-varji atti u riċerki li lkoll jinsabu esebiti in atti ta' din l-istanza, sabiex jipprova kif, skontu, tnisslet finalment għandu l-art in mertu.[53]

Dawn l-atti esebiti f'din l-istana mill-konvenut u x-xhud tiegħu, ħuh Michael Xerri, ċertament jirreferu għal varji porzjonijiet art fl-inħawi magħrufa bl-isem "Ta' Marziena" – li Xerri stess jixhdu li huma nħawi estensivi li ma' jinkludix biss art tagħhom. B'dan li, għalkemm l-istess atti ma' ġewx muniti bi pjanti u potenzjalment anke b'interpretazzjoni da parti ta' perit jew *surveyor* sabiex jigi finalment aċċertat jekk l-art in mertu proprju hijiex addirittura tal-konvenut Xerri, kuntrarjament għal dak li jgħidu l-atturi; ċertament ma' jgħinux in-nuqqas tal-atturi f'li naqqsu milli jagħmlu eżerċizzju bħal tal-konvenut sabiex ixaqilbu l-folja favur tagħhom.

L-atturi fil-fatt jirriżultaw li zvestew kompletament ruħhom f'li tassew iressqu prova skjaccanti tat-titolu ta' proprjetarji pretiż minnhom

---

[52] Ref.: applikazzjonijiet varji b'dokumenti annessi maghhom a fol 102 *et seq*.

[53] Ref.: affidavit ta' Michael Xerri, a fol 224 *et seq* b'sensiela ta' dokumenti mehmuza mieghu li jirreferu ghal-varji porzjonijiet ta' art "Ta' Marziena" u kif dawn tnisslu mill-antenati tal-konvenut Xerri sa' ma', allegatement, il-porzjon in mertu proprja waslet ghand il-konvenut Xerri.

favurihom ilkoll salv għal konjuġi Farrugia billi ħadd minnhom ma' biss resaq jixhed quddiem din il-Qorti għajr għal Stephen Farrugia li kien biss xerrej prospettiv fuq konvenju li daħal fih flimkien ma' martu, il-konvenuta Josephine Farrguia, mar-rimanenti atturi li dehru bħala vendituri prospettivi.[54]

Fix-xhieda tiegħu hawn aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni sintesizzata, l-istess attur Farrugia jidher jistriħ fuq il-fatt illi li kieku l-art in mertu ma' kienitx tassew tal-atturi l-oħrajn li dehru bħala vendituri fuq l-istess konvenju ffirmat minnu, dawn ma' kienx ikollhom il-muftieħ tal-bieba l-antika li kien hemm fil-post u nbidlet minnu meta ha pussess tal-art in mertu bil-permess tagħhom waqt li kien għadu biss fuq il-konvenju.

Din l-insistenza reġgħet saret mill-avukat difensur tal-atturi fl-aċċess li nżamm fl-art in mertu min din il-Qorti.

Mingħajr xejn ma' jingħad dwar il-fatt li mitlub jesebixxi prova li l-konvenju ffirmat minnu fl-2010 baqa' jiġi validament estiż, il-konvenut Farrugia esebixxa biss prova ta' estensjoni sal-2017[55] - b'din il-kawża saret fl-2019 – minkejja li obbliga ruħu li jesebixxi estensjonijiet ulterjuri; din il-Qorti tosserva li kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut Xerri rriżultaw li kellhom muftieħ kull wieħed liema mfietaħ, minkejja li ma' kienux identiċi, x'ħin ġew ippruvati fil-bieba l-antika waqt l-aċċess fil-preżenza tal-Qorti, it-tnejn ħaddmu s-serratura.

Din il-Qorti ma' tippretendiex li hija esperta fis-serraturi u c-ċwievet pero'; gjaladrba żewġ mfietaħ ta' forma differenti t-tnejn ħadmu l-istess serratura, huwa ċar li din il-Qorti ma' tistax tqies muftieħ wieħed bħala prova skjaċċenti kontra l-muftieħ l-ieħor u, b'applikazzjoni diretta', lid-detentur ta' l-istess bħala pussessur ta' xi titolu fuq l-art in mertu. Dan partikolarment fin-nuqqas ta' provi oħra li kien ikollhom ferm aktar piż propizju kieku kienu eżistenti in atti li, kif fuq ingħad, m'humiex.

Fl-istess aċċess diġà msemmi li nżamm min din il-Qorti, id-difensur tal-atturi għamel ukoll insistenza dwar il-fatt li l-kmamar fuq art attigwa għal dik in mertu li skont l-atturi huma nkontestati bħala tal-konvenut u dawk fuq l-art in mertu huma separati b'ħajt mingħajr qatt ma' kienu konnessi b'xi bieb jew kwantunkwe'. Insista wkoll li l-art in mertu hija

[54] Ref.: konvenju tal-5 ta' Novembru, 2010 a fol 190 *et seq.*
[55] Ref.: notifika ta' estensjoni a fol 189.

wkoll separata b'ħitan minn artijiet oħrajn biswieta filwaqt li f'varji ritratti meħudha mill-ajru kif esebiti in atti mill-atturi[56] tidher li kienet l-unika art li ma' tinħadimx b'dan li, dejjem skont l-atturi, ma' jagħmilx sens li kmamar ta' proprjetarju wieħed u artijiet attigwi ta' proprjetarju wieħed ikunu b'tali mod segregati minn xulxin, bl-artijiet attigwi minnhom jinħadmu u minnhom le.

Din il-Qorti ma' taqbilx u dan kemm in prinċipju għaliex tifhem li anke sid uniku ta' proprjeta' waħda jista' jagħżel li jissegrega porzjonijiet minnha kif jixtieq u għal varji raġunijiet, kif ukoll minn dak li rat *in situ* u li tifhem mill-assjem tal-provi li anke jekk il-konvenut huwa tassew sid uniku tal-artijiet attigwi li huma tassew mifruda b'ħitan, l-istess ħitan irriżultaw li għandhom diversi fetħiet fihom li jippermettu aċċess liberu min art għall-oħra. Minn naħa l-oħra, jekk il-konvenut, kif jinsisti, huwa fil-fatt sid biss ta' porzjonijiet partikolari ta' art fl-inħawi "Ta' Marziena", fosthom dik in mertu bil-kmamar fuqha, mentri, kif ukoll jinsisti, il-kmamar ulterjuri li jmissu ma' dawk in mertu u jinsabu fuq art ohra huma fil-fatt ta' waħda minn ħutu; jkun ċertament jagħmel sens li tali artijiet u kmamar inżamm distinti e separati.

Anke dwar l-allegazzjoni tal-atturi li gjaldarba il-porzjon art in mertu hija attigwa għall-art li hija ċertament tal-konvenut jew familtu b'din tal-aħħar tirriżulta li dejjem inħadmet mentri l-art in mertu tirriżulta li kienet abbandunata – b'din skonthom hija prova li għalhekk l-art in mertu mhijiex tal-konvenut għax, dejjem skonthom, ma' jagħmilx sens li l-konvenut jaħdem numru għajr waħda minn varji artijiet attigwi: l-ewwel u qabel kollox il-Qorti tapprezza li persuna u anke familja sħiħa li qed tikber u għandha diversi porzjonijiet ta' art tista' fil-fatt tagħżel liema minnhom taħdem u liema minnhom le. Oltre dan; l-ispjegazzjoni offruta mill-konvenut Xerri li l-art in mertu kienet fil-fatt f'perċentwali konsistenti fi blat u allura ma' setgħetx tinħadem tant bħal porzjonijiet ta' art oħra ma' tirriżultax improponibbli.

L-atturi għalkemm forsi b'ċerta reticcjenza, jidhru wkoll jistrieħu fuq il-fatt li l-konvenut Xerri "tilef" kawża ta' spoll diġà hawn aktar 'il fuq msemmija li kien għamel kontrihom hija xi tip ta' prova ulterjuri li dan qatt ma' kellu titolu fuq l-art in mertu.

---

[56] Ref.: ritratti mill-ajru a fol 168 *et seq.*

Oltre l-fatt li l-potenzjali nuqqas ta' titolu tal-konvenut Xerri ma' jwassalx u ma' jista' qatt iwassal għal konklużjoni li allura l-art in mertu hija tal-atturi; huwa ċar li kawża ta' spoll, kuntrarjament għal waħda *rei vindicatoria*, hija limitata fl-apprezzament ta' provi li għanda tagħmel il-Qorti għal dawk il-provi strettament marbuta mat-tlett elementi li jridu jissussistu sabiex tirnexxa, ossia: il-pussess, l-ispoll, u t-terminu ta' xahrejn mid-data li fih iseħħ l-ispoll li fih għandha titressaq l-istess kawża.

Fid-deċiżjoni ta' spoll *de quo* li ngħatat kontra l-konvenut odjern Xerri, dakinhar attur, u favur l-atturi odjerni Emanuel u Frances Saliba, dakinhar konvenuti, nhar it-3 ta' Mejju, 2016 min din il-Qorti kif diversament presjeduta[57] ġie ritenut senjatament li *fuq nuqqas ta' provi u wkoll stante li ma tqisx li gew sodisfatti l-elementi kollha necessarji sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata mill-attur skont il-ligi, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet kollha tal-attur*. Dan addirittura wara li dik il-Qorti qisiet li kemm il-partijiet quddiemha kif ukoll terzi setgħa kellhom għalmenu detenzjoni tal-art in mertu.

B'dan li, oltre l-fatt li Qorti f'kawża ta' spoll m'hijiex qiegħda tiddeċiedi dwar titolu ta' proprjetarju iżda biss dwar pussess; f'din id-deċiżjoni li l-konvenut odjern Xerri "tilef" favur l-atturi odjerni konjuġi Emanuel u Frances Saliba; l-istess konjuġi Emanuel u Frances Saliba kienu eċċepew biss li ma' kienux jissusstu l-elementi ta' spoll b'dan li l-kawża kellha tiġi respinta, kif fil-fatt kien mistenni li jsir f'kawża ta' spoll fejn Qorti m'għandix tinvestiga kwistjonijiet ta' natura petitorja.

Ċertament li dan ma' jistax b'xi mod jiġi nterpretat li jipprova nuqqas ta' titolu ta' proprjetarju fil-konvenut Xerri u, b'xi tiġbid, prova ta' titolu fl-atturi.

Tenut kont li ma' ġiex fil-fatt ippruvat li l-art in mertu hija proprjeta' esklussiva tal-atturi odjerni, din il-Qorti m'għandha ebda neċessita' tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tar-rimanenti talbiet atturi.

**Decide:**

[57] Ref.: kopja tas-sentenza a fol 6 *et seq* ta' l-atti ta' dawn il-proceduri kif ukoll a fol 564 *et seq* ta' l-atti tal-proceduri numru 28/2012 JVC debitament allegati.

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talbiet atturi *in toto*.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża a karigu ta' l-atturi.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
**Maġistrat**

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur